TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 1253

KAZ NRU. 1588

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Ramona Chetcuti
u
Little's Supermarket
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 14 ta' Jannar 2002

CHAIRMAN : Is- Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 6 ta Novembru 2001 b'referenza MSP/TI/78/2001 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ramona Chetcuti, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat George Abela u Little's Supermarket, aktar il-quddiem jissejjah il-"Kumpanija" kien rapprezentat minn Alex Zammit assistit mill-Avukat Norval Desira.

Fl-ewwel seduta l-Kumpanija sostniet li l-proceduri kienu nulli ghaliex saru minn minorenni. Qalet li, fil-fatt, il-kuntratt tax-xoghol gie ffirmat mill-genituri taghha.

It-Tribunal, wara li sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet, ikkunsidra li :

a) f'Kap 135 Art.2.(1), "impjegat" tfisser persuna li tkun ghamlet jew tahdem taht kuntratt ta' servizz jew li tkun ntrabtet **personalment** li taghmel xi xoghol jew hidma ghal haddiehor -----. Fl-istess Artiklu "kuntratt ta' servizz" tfisser ftehim, sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull ghamla li jkun, li bih **persuna tintrabat li taghmel servizz lil jew tahdem ghal principal ---------.** Ukoll li "paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligh li jithallsu bi flus minn principal lil **impjegat** -----.
b) L-ewwel zewg tifsiriet huma ripetuti f'Kap 266 Art. 2.(1).
c) Kap 135 Art. 19. (1) jistabbilixxi li "Hlief meta jkun xort'ohra espressament permess bid-**dispozizzjonijiet ta' dan l-Att,** l-ammont kollu tal-paga li impjegat jaqla' jew li ghandha tkun lilu mhallsa **ghandha tigi lilu mhallsa ------".**
d) Artiklu 28 (2) ta' Kap 266 jipprovdi li meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b'mod ingust il-kaz ghandu jintbaghat mill-Ministru lit-Tribunal "----- **fuq talba bil-miktub ghal hekk maghmula mill-haddiem li jallega li tkecca b'mod ingust jew minn xi persuna ohra f'ismu u ghalih; ----------".**

e) Artiklu 43. (1) ta' Kap 327 (Att dwar l-Edukazzjoni) jistipula li "Ebda persuna, minghajr il-permess bil-miktub tal-Ministru, **ma tista' timpjega minuri ta' l-eta' obbligatorja ghall-iskola** jew li xort'ohra jkun obbligat jattendi l-iskola."

(il-partijiet li jidhru b'tipa aktar skura gew hekk stampati mit-Tribunal)

Dan juri li principal ghandu l-jedd li jimpjega persuna li tkun ghalqet is-sittax il sena u tali persuna ghandha l-jedd li timpjega ruhha. L-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg u dak dwar Relazzjonijiet Industrijali jfittxu li jistabbilixxu relazzjoni **tax-xoghol** (anke minghajr il-htiega ta' kuntratt bil-miktub) bejn principal (li jhaddem) u impjegat (li jaghtih xoghol jew servizz). Ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jwettqu l-obbligi u jgawdu d-drittijiet taht dawn il-ligijiet. Ebda wahda minn dawn il-ligijiet ma jillimitaw obbligi jew drittijiet ma' l-eta' ta' haddiem u fejn jidhol impjegat jaghmlu hafna enfasi **fuq il-persuna nfisha u fuq dak li tista' jew ghandha taghmel personalment.**

Il-fatt li, skond il-kumpanija, l-appellant ghamlet kuntratt li fuqu dehru l-genituri ghax kienet minorenni mghandux jitqies li b'daqshekk cediet xi dritt li tagixxi personalment bhala impjegata. Din kienet ghazla tal-Kumpanija ghall-finijiet taghha u seta' ma sarx kuntratt bil-miktub. Fil-fatt numru konsiderevoli ta' mpjegati, fosthom hafna minorenni, mghandhomx kuntratt bil-miktub.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll il-pozizzjoni f'dan ir-rigward taht Sub-titolu IV ta' Kap 12 (KOPC). Ghalkemm skond Artiklu 781 minuri mhumiex meqjusa kapaci biex joqghodu f'kawza izda skond Artiklu 787 (2) u (3) in-nullita' minhabba minorita' ma' tistax tingieb il-quddiem hlief mill-minuri stess u n-nullita' minhabba n-nuqqas tal-kunsens tal-genitur, ma' tistax tingieb il-quddiem hlief mill-genitur.

Fuq dawn il-konsiderazzjonijiet it-Tribunal hu tal-fehma li ma jistghax jilqa l-eccezzjoni ta' nullita ghal dawn ir-ragunijiet :

a) taht Artiklu 31. (3) it-Tribunal ghandu jirregola l-procedura tieghu stess u hu marbut li tkun xi tkun il-procedura uzata it-Tribunal ghandu jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sostanza tal-kaz ; u, bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali, ghandu jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu fuq kull haga b'dak il-mod li jidhirlu xieraq.

b) Il-mertu tas-sostanza tal-kaz mhux jekk l-appellant, bhala haddiema, hix minorenni izda jekk tkeccietx mill-impieg ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

c) Il-ligijiet tax-xoghol, Kap 135 u Kap 266, jaghtu mportanza kbir lir-relazzjoni personali bejn il-principal u l-impjegat u l-obbligi w d-drittijiet li ghandom ma' u lejn xulxin personalment.

d) F'kaz fejn ikun ghalaq il-perijodu ta' preskrizzjoni, kieku kellha tintlaqa' tali eccezzjoni, impjegat jigi mcahhad mid-dritt li jaghmel il-kaz tieghu f'tkeccija allegata li hi ngusta. Dan imur kontra l-gustizzja naturali.

e) Ma jhoss li ghandu jilqa eccezzjoni li tista tkun ta dannu ghal numru konsiderevoli ta' impjegati taht it-tmintax il sena u li tmur kontra l-ispirtu tal-ligijiet dwar ix-xoghol fejn il-legislatur ma' hassx il-htiega li b'mod specifiku jissoggetta drittijiet ta' haddiema ghal xi eta' partikolari.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li jkompli jisma l-kaz biex jizgura li l-gustizzja ssir skond il-merti tas-sustanza tal kaz kif ukoll skond in-normi tal-gustizzja naturali.

George Borg-Cardona

Chairman

Emma Muscat

A/Segretarja